

Brussell, 16 ta' Frar 2023  
(OR. en)

6421/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0197(COD)**

---

**CODEC 188**  
**CLIMA 75**  
**ENV 132**  
**TRANS 59**  
**MI 111**  
**PE 11**

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

---

|          |  |
|----------|--|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill   |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill  |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO <sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Strasburgu, 13-16 ta' Frar 2023) |

---

### I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċizzjoni<sup>1</sup>, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Jan HUIITEMA (RE, NL), ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emenda numru 131) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq fisem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI). Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

Barra minn hekk, il-Grupp ID ressaq emenda waħda (l-emenda numru 132).

---

<sup>1</sup> ĠU L 145, 30.6.2007, p. 5.

## II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fl-14 ta' Frar 2023, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 131) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument<sup>2\*</sup>.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

---

<sup>2</sup> Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

\* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

## **L-istandards tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għall-karozzi u l-vannijiet**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni (COM(2021)0556 – C9-0322/2021 – 2021/0197(COD))**

### **(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0556),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0322/2021),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mis-Senat Irlandiż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Jannar 2022<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-27 ta' Jannar 2022<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-16 ta' Novembru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0150/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt<sup>3</sup>;

<sup>1</sup> ĠU C 194, 12.5.2022, p. 81.

<sup>2</sup> ĠU C 270, 13.7.2022, p. 38.

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>3</sup> Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-8 ta' Ġunju 2022 (Testi adottati, P9\_TA(2022)0234).

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Frar 2023 bil-għan tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>3</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 194, 12.5.2022, p. 81.

<sup>2</sup> ĠU C 270, 13.7.2022, p. 38.

<sup>3</sup> Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2023.

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Pariġi<sup>4</sup>, adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (il-"Ftehim ta' Pariġi"), daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1.5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. ***Dak l-impenn issa ħaħ bl-adozzjoni skont il-UNFCCC tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021, li fih il-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, tirrikonoxxi li l-impatti tat-tibdil fil-klima ser ikunu ħafna aktar baxxi b'żieda fit-temperatura ta' 1.5°C, meta mqabbla ma' 2°C, u ddeċidiet li tkompli bl-isforzi biex tillimita ż-żieda fit-temperatura għal 1.5°C.***
- (2) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-obiettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-*'Patt Ekoloġiku Ewropew'*" (il-"*Patt Ekoloġiku Ewropew*"). ***Fir-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>5</sup>, il-Parlament Ewropew appella għat-tranżizzjoni meħtieġa għal soċjetà b'impatt newtrali fuq il-klima sa mhux aktar tard mill-2050 u, fir-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali, iddikjara emerġenza klimatika u ambjentali<sup>6</sup>.*** Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni.

---

<sup>4</sup> ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

<sup>5</sup> ĠU C 270, 7.7.2021, p.2.

<sup>6</sup> ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.

- (3) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jgħaqqad sett komprensiv ta' miżuri u inizjattivi ta' tisħiħ reċiproku mmirati lejn il-kisba tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050, u jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir *iffokata fuq it-trasformazzjoni* tal-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, *b'industriji vibranti, li jibqgħu mexxejja dinjija fis-segmenti rispettivi tagħhom u muturi tal-innovazzjoni globali, filwaqt li jiżguraw impjegi ta' kwalità b'remunerazzjoni għolja fl-Unjoni*. Huwa għandu l-għan ukoll li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u minn impatti relatati mal-ambjent. *F'dak il-kuntest, it-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali li ser jibqa' għaddej sal-2030 stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> isaħħaħ l-oġġettiv li titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika lejn ekonomija ċirkolari newtrali għall-klima, sostenibbli, mhux tossika, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, reżiljenti u kompetittiva b'mod ġust, ekwu u inklużiv u li tipproteġi, tirrestawra u ttejjeb l-istat tal-ambjent, filwaqt li tappoġġa u tibni fuq is-sett ta' miżuri u inizjattivi mħabbra skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew*. Fl-istess ħin, it-tranżizzjoni taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'mod differenti u għandha impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, bħall-anzjani, il-persuni b'diżabilità u l-persuni minn ambjent razzjali jew etniku ta' minoranza. *Barra minn hekk, it-tranżizzjoni ser taffettwa b'mod differenti r-reġjuni tal-Unjoni, speċjalment ir-reġjuni periferiċi u ultraperiferiċi li huma strutturalment żvantaġġati*. Għalhekk irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

---

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

- (4) L-Unjoni impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'mill-anqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2030 fil-kontribut aġġornat determinat fil-livell nazzjonali ppreżentat lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020.
- (5) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) **2021/1119** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>, l-Unjoni stabbiliet l-objettiv li ***l-emissjonijiet netti jitnaqqsu għal zero sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan*** fil-leġislazzjoni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mira vinkolanti tal-Unjoni għat-***tnaqqis*** domestiku għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) **■** ta' mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2030.
- (6) Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija li jikkontribwixxu għall-kisba ta' dak it-tnaqqis fl-emissjonijiet, inkluż is-settur tat-trasport bit-triq. ***Is-settur tat-trasport huwa l-uniku settur fejn l-emissjonijiet ilhom jiżdiedu mill-1990. Dan jinkludi t-trasport bit-triq b'vetturi ħfief u tqal, li flimkien jammontaw għal aktar minn 70 % tal-emissjonijiet totali tat-trasport. Biex tinkiseb in-newtralità klimatika, jeħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050.***

---

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) **2021/1119** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tat-30 ta' Ġunju 2021*** li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L **243**, **9.7.2021**, p. **1**).

- (7) *It-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi jenħtieġ li jindirizzaw ukoll l-importanza tad-dimensjoni soċjali biex jiġi żgurat li l-mobbiltà tkun affordabbli u aċċessibbli għal kulħadd, speċjalment għal dawk li jivvjaġġaw mingħajr aċċess għal trasport pubbliku ta' kwalità jew soluzzjonijiet oħra ta' mobbiltà. Standards ta' CO<sub>2</sub> aktar ambizzjużi għall-karozzi tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali hftief mistennija jaċċelleraw l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero, iżidu l-affordabbiltà tagħhom u jaċċelleraw ukoll id-dekarbonizzazzjoni tas-suq tal-oġġetti użati fis-segmenti kollha, b'benefiċċji akbar għall-konsumaturi b'introjtu baxx u medju. Meta jiġu adottati dawn l-istandards huwa importanti wkoll li jitqiesu l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sinifikanti tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u l-ħtieġa li jiġu salvagwardati l-impjiegi u tiġi ppreservata l-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni.*
- (8) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma meħtieġa bħala parti minn qafas koerenti u konsistenti li huwa indispensabbli biex jinkiseb l-oġġettiv ġenerali tal-Unjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, *kif ukoll biex titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq fjuwils fossili importati. Huwa essenzjali li l-Kummissjoni taħdem flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati industrijali biex tiżgura l-katina tal-provvista fil-materja prima kritika meħtieġa għal vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi. Dan ser jappoġġa wkoll il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni u jsaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni.*

- (9) Sabiex jinkiseb tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-anqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2030, huwa meħtieġ li jissaħħu r-rekwiżiti ta' tnaqqis stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup> kemm għall-karozzi tal-passiġġieri kif ukoll għall-vetturi kummerċjali ħfief. Jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit perkors ċar għal aktar tnaqqis lil hinn mill-2030 biex jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Mingħajr azzjoni ambizzjuża dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fit-trasport bit-triq, ikun meħtieġ tnaqqis akbar tal-emissjonijiet f'setturi oħra, inkluż setturi fejn id-dekarbonizzazzjoni hija aktar ta' sfida.
- (10) Ir-rekwiżiti msaħħa għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> jenħtieġ li jħeġġeġ li jintużaw proporzjon dejjem akbar ta' vetturi b'emissjonijiet zero fis-suq tal-Unjoni filwaqt li jipprovdu benefiċċji lill-konsumaturi u liċ-ċittadini f'termini ta' kwalità tal-arja, ***it-tisħiħ tas-sigurtà u l-effiċjenza tal-enerġija, u l-iffrankar tal-enerġija assoċjat***, kif ukoll jiżguraw li l-innovazzjoni fil-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku tkun tista' tinżamm. Fi ħdan dan il-kuntest globali, il-katina tas-settur awtomobilistiku tal-Unjoni wkoll trid tkun attur ewlieni fit-tranżizzjoni li għaddejja lejn mobbiltà b'emissjonijiet zero. L-istandards imsaħħa ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> huma teknoloġikament newtrali fl-ilħuq tal-miri għall-flotta kollha li huma jistabbilixxu. Teknoloġiji differenti huma u jibqgħu disponibbli fl-ilħuq tal-mira għall-flotta kollha ta' emissjonijiet zero. Fil-preżent, vetturi b'emissjonijiet zero jinkludu vetturi elettriċi bil-batterija, vetturi b'ċellola tal-fjuwil u vetturi oħra li jaħdmu bl-idroġenu, u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi għadhom qed jissoktaw. Vetturi b'emissjonijiet zero u b'emissjonijiet baxxi, li jinkludu wkoll vetturi elettriċi ibridi plug-in bi prestazzjoni tajba, jistgħu jkomplu jkollhom rwol fil-perkors ta' tranżizzjoni. ***F'dak il-kuntest, huwa importanti li tiġi żgurata data preċiża u kompleta dwar il-prestazzjoni tal-emissjonijiet ta' dawk il-vetturi elettriċi ibridi rikarikabbli.***

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

- (11) *Wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni ser tagħmel proposta għar-reġistrazzjoni wara l-2035 ta' vetturi li jaħdmu esklużivament bi fjuwils newtrali f'termini ta' CO<sub>2</sub> f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards tal-flotta, u f'konformità mal-objettiv ta' newtralità klimatika tal-Unjoni.*
- (12) F'dak l-isfond, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri msaħħa ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> kemm għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri kif ukoll għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda għall-perjodu mill-2030 'il quddiem. Dawk il-miri jenħtieġ li jiġu stabbiliti flivell li jagħti sinjal qawwi biex tiġi aċċellerata l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet zero fis-suq tal-Unjoni u biex tiġi stimulata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet zero b'mod kosteffiċjenti.

(13) *L-innovazzjoni teknoloġika hija prerekwiżit għad-dekarbonizzazzjoni tal-mobbiltà fl-Unjoni, u għalhekk jenħtieġ li tiġi appoġġata. Finanzzjament sinifikanti huwa disponibbli diġà għall-innovazzjoni fl-ekosistema tal-mobbiltà permezz ta' strumenti ta' finanzzjament differenti tal-Unjoni, b'mod partikolari Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup>, InvestEU, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-fond għall-innovazzjoni, stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>, u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup>, Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jappoġġaw l-investment pubbliku u privat fir-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur awtomobilistiku Ewropew, inkluż permezz ta' inizzjattivi li jippromwovu sinerġiji fis-settur awtomobilistiku, bħall-Alleanza Ewropea tal-Batteriji. Flimkien ma' sinjali regolatorji ċari, daww l-isforzi ser jappoġġaw u jħeġġu deċiżjonijiet ta' investment mill-manifatturi, iżommu t-tmexxija teknoloġika Ewropea f'dak is-settur, jgħinu biex tiġi żviluppata l-eċċellenza industrijali fit-teknoloġiji tal-futur fl-Unjoni u jiżguraw is-sostenibbiltà u l-kompetittività fit-tul tal-bażi industrijali tagħha.*

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

<sup>12</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

(14) Jenħtieġ li l-miri fl-istandards ta' rendiment riveduti tas-CO<sub>2</sub> ikunu akkumpanjati minn strateġija tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati miż-żieda fil-manifattura ta' vetturi b'emissjonijiet zero u teknoloġiji assoċjati, **filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet ta' kull Stat Membru**, kif ukoll mill-ħtieġa għal titjib fit-taħriġ u għal taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fis-settur u mid-diversifikazzjoni ekonomika u l-konverżjoni mill-ġdid tal-attivitajiet, **filwaqt li jinżammu l-livelli tal-impjegi fis-settur awtomobilistiku fl-Unjoni. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-impatt li din it-tranżizzjoni ser ikollha fuq l-intrapriżi mikro, iżgħar u ta' daqs medju (SMEs) tul il-katina tal-provvista awtomobilistika u lir-reġjuni u l-komunitajiet milquta li jistgħu jkunu aktar vulnerabbli minħabba l-preżenza ta' industrija awtomobilistika intensiva.** Jenħtieġ li, fejn xieraq, l-appoġġ finanzjarju jitqies fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jiġi attirat l-investment privat, inkluż permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup>, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>, il-fond għall-innovazzjoni, il-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** u strumenti oħrajn tal-qafas finanzjarju pluriennali stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093<sup>16</sup> u l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094<sup>17</sup>, f'konformità mar-regoli dwar l-ġhajna mill-Istat **u strumenti finanzjarji disponibbli oħra, bħal dawk mill-Bank Ewropew tal-Investment.** Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2022 dwar il-Linji Gwida dwar l-ġhajna mill-Istat għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2022 tippermetti lill-Istati Membri jappoġġaw lin-negozji biex jiddekarbonizzaw il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom u jadottaw teknoloġiji aktar ekoloġiċi fil-kuntest tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 dwar L-aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: lejn Suq Uniku aktar

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

<sup>16</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

<sup>17</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa (l-"Istrateġija Industrijali Ġdida aġġornata"). *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022<sup>18</sup> hija għodda importanti għall-Istati Membri biex jindirizzaw l-aspetti soċjali u tal-impjiegi ta' tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija newtrali għall-klima. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora aktar opzjonijiet biex tappoġġa dik it-tranżizzjoni u, b'mod speċifiku, biex ittaffi kwalunkwe impatt negattiv ta' dik it-tranżizzjoni fuq l-impjiegi fis-settur awtomobilistiku.*

---

<sup>18</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/C 243/04 tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35).

(15) *Sabiex jiġu identifikati xi diskrepanzi fil-finanzjament fl-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta fil-katina tal-provvista tas-settur awtomobilistiku, u b'attenzjoni partikolari għall-SMEs u r-reġjuni li huma l-aktar milquta mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, jenħtieġ li l-Kummissjoni, sal-31 ta' Diċembru 2025, fid-data ta' preżentazzjoni tal-ewwel rapport ta' progress, u filwaqt li tibni fuq inizjattivi li għaddejjin bħalissa, bħall-perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema tal-mobbiltà u l-Alleanza tar-Reġjuni Awtomobilistiċi tal-Kumitat tar-Reġjuni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, tippreżenta rapport b'analiżi li tidentifika tali lakuni fil-finanzjament. Dak ir-rapport jenħtieġ li jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposti għal miżuri finanzjarji adegwati biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati.*

- (16) L-Istrateġija Industrijali l-Ġdida aġġornata tipprevedi l-ħolqien konġunt ta' perkorsi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fi sħubija mal-industrija, mal-awtoritajiet pubbliċi, mas-sħab soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jiġi żviluppat perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema tal-mobbiltà biex jakkumpanja t-tranżizzjoni tal-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku, ***inkluż billi tiġi żgurata l-kontinwità tad-djalogu soċjali li jinvolvi lis-settur u lill-partijiet ikkonċernati tiegħu, bi trasparenza sħiħa.*** Il-perkors jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari lill-SMEs fil-katina tal-provvista tas-settur awtomobilistiku u lill-konsultazzjoni mas-sħab soċjali, inkluż mill-Istati Membri. Jenħtieġ li dan jibni wkoll fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 intitolata “l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza”, li jinkludi inizjattivi bħall-“Patt għall-Ħiliet” biex jimobilizza s-settur privat u partijiet ikkonċernati oħra biex itejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa u biex jagħtu ħiliet ġodda lill-forza tax-xogħol tal-Ewropa fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-azzjonijiet u l-inċentivi xierqa fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex tingħata spinta lill-affordabbiltà ta' vetturi b'emissjonijiet żero jenħtieġ li jiġu indirizzati wkoll fil-perkors.

Il-progress li sar f'dan il-perkors komprensiv ta' tranżizzjoni għall-ekosistema tal-mobbiltà jenħtieġ li jiġi mmonitorjat kull sentejn bħala parti minn rapport ta' progress li jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni. Dak ir-rapport ta' progress jenħtieġ li jqis, fost l-oħrajn, il-progress fl-użu ta' **vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi, b'mod partikolari fis-segment tal-vetturi kummerċjali ħfief, kif ukoll il-miżuri fil-livell tal-Unjoni, tal-Istati Membri u lokali biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn vetturi ħfief b'emissjonijiet żero**, l-iżviluppi fil-prezzijiet u fl-**effiċjenza enerġetika tagħhom**, l-introduzzjoni ta' fjuwils alternattivi u progress fil-varar ta' infrastruttura **pubblika u privata tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil**, li ser jiġu stabbiliti f'Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-“Regolament dwar infrastruttura ta' fjuwils alternattivi”) u f'riformulazzjoni tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>, il-potenzjal ta' teknoloġiji innovattivi biex tintlaħaq il-mobbiltà newtrali għall-klima, il-kompetittività internazzjonali, l-investimenti fil-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u l-konverżjoni mill-ġdid tal-attivitajiet, **speċjalment fl-SMEs**. Ir-rapport ta' progress jenħtieġ li jibni wkoll fuq ir-rapporti ta' progress ta' sentejn li l-Istati Membri jissottomettu skont ir-Regolament dwar l-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkonsulta lis-šhab soċjali fit-tħejjija tar-rapport ta' progress, inkluż dwar ir-riżultati tad-djalogo soċjali. L-innovazzjonijiet fil-katina tal-provvista awtomobilistika qed jissoktaw. Teknoloġiji innovattivi bħall-produzzjoni tal-elettrofjuwils bil-qbid tal-arja, jekk jiġu żviluppati ulterjorment, jistgħu joffru prospetti għal mobbiltà newtrali għall-klima affordabbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm rendikont tal-progress fl-istat tal-innovazzjoni fis-settur bħala parti mir-rapport ta' progress tagħha.

---

<sup>19</sup> Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

- (17) *Sabiex jiġu protetti l-ambjent u s-saħħa ta' ċittadini fl-Istati Membri kollha, huwa importanti li l-flotta eżistenti tiġi dekarbonizzata wkoll. Is-suq għall-vetturi użati joħloq ir-riskju li l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>, kif ukoll it-tniġġis tal-arja, jiġu trasferiti għal reġjuni inqas żviluppati ekonomikament fl-Unjoni. Biex jitħaffef it-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-flotta eżistenti u biex titħaffef it-tranżizzjoni għal trasport b'emissjonijiet żero, huwa tal-akbar importanza li titħeġġeġ il-konverżjoni ta' vetturi b'magna ta' kombustjoni interna għal trażmissjoni elettrika bil-batterija jew biċ-ċelloli tal-fjuwil, inkluż b'valutazzjoni ta' modi kif jiġi ffaċilitat l-użu ta' tali soluzzjonijiet fl-Istati Membri.*
- (18) *Kif iddikjarat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 intitolata "Pjan REPowerEU", sabiex jissaħħu l-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenzi fis-settur tat-trasport u titħaffef it-tranżizzjoni lejn vetturi b'emissjonijiet żero, huwa importanti li jiżdied is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotot tal-karozzi pubbliċi u korporattivi li jaqbżu ċertu daqs. Għal dak l-għan, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2022 intitolata "Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023" tinkludi inizjattiva għall-ekoloġizzazzjoni tal-flotot korporattivi. Meta ttipponi dik l-inizjattiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti u tevita frammentazzjoni tas-suq intern.*

- (19) ***Sabiex tippromwovi l-adozzjoni ta' vetturi li jikkunsmaw inqas enerġija, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvestiga l-impatti tal-istabbiliment ta' limiti minimi tal-effiċjenza enerġetika għal karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda b'emissjonijiet zero mqiegħda fis-suq tal-Unjoni.***
- (20) Il-miri għall-flotta kollha tal-UE għandhom jiġu kkomplementati bil-varar meħtieġ tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil li ser ikun stabbilit fir-Regolament dwar infrastruttura ta' fjuwils alternattivi u f'riformulazzjoni ***tad-Direttiva 2010/31/UE. F'dak il-kuntest, huwa vitali li l-investiment fl-użu meħtieġ tal-infrastruttura jkompli jsir u jiżdied. B'mod parallel, huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat użu rapidu tal-enerġija rinnovabbli, kif previst fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***<sup>20</sup>.

---

<sup>20</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- (21) Jenħtieġ li l-manifatturi jingħataw biżżejjed flessibbiltà biex jadattaw il-flotot tagħhom maż-żmien sabiex jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni lejn vetturi b'emissjonijiet żero b'mod kosteffiċjenti, **li tappoġġa l-kompetittività tagħhom u tħejji t-triq għal aktar innovazzjonijiet**. Għalhekk huwa xieraq li jinżamm l-approċċ ta' tnaqqis tal-livelli fil-mira fi stadji ta' ħames snin.
- (22) Bil-miri aktar stretti għall-flotta kollha tal-UE mill-2030 'il quddiem, il-manifatturi ser ikollhom jużaw b'mod sinifikanti aktar vetturi b'emissjonijiet żero fis-suq tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, il-mekkaniżmu ta' inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi ma jibqax jaqdi l-iskop oriġinali tiegħu u jkun qed jirriskja li jimmina l-effikaċja tar-Regolament (UE) 2019/631. Għalhekk, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' inċentivi għall-vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi- jitneħħa mill-1 ta' Jannar 2030. Qabel dik id-data u għalhekk matul dan id-deċennju kollu, il-mekkaniżmu ta' inċentivi għall-vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi ser ikompli jappoġġa l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet minn żero sa 50 g CO<sub>2</sub>/km, inkluż vetturi elettriċi bil-batterija, vetturi elettriċi taċ-ċelloli tal-fjuwil li jużaw l-idroġenu u vetturi elettriċi ibridi rikarikabbli bi prestazzjoni tajba. **Madankollu, jenħtieġ li l-livelli tal-parametri referenzjarji għall-vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi jiġu riveduti sabiex titqies l-adozzjoni aktar rapida ta' vetturi b'emissjonijiet żero fis-suq tal-Unjoni. Wara l-1 ta' Jannar 2030**, il-vetturi elettriċi ibridi rikarikabbli jkomplu jgħoddu kontra l-miri għall-flotta kollha tal-UE li l-manifatturi jridu jilħqu.

- (23) *Il-kreditu tal-ekoinnovazzjoni li jistgħu jintalbu minn manifattur bħalissa huma limitati għal 7 g CO<sub>2</sub>/km. Jenħtieġ li dak il-limitu massimu jiġi aġġustat 'l isfel f'konformità mal-livelli fil-mira, sabiex jiġi żgurat proporzjon ibbilanċjat tal-livell ta' dak il-limitu massimu fir-rigward tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> tal-manifatturi.*
- (24) L-implimentazzjoni tal-istandards ta' rendiment tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> hija marbuta ħafna ma' dik tal-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip. Wara t-tħassir u s-sostituzzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>21</sup> fl-1 ta' Settembru 2020 bir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>22</sup>, huwa xieraq, sabiex tiġi żgurata konsistenza kontinwa bejn iż-żewġ settijiet ta' strumenti, li d-definizzjonijiet jiġu allinjati aktar u li jiġu aġġornati r-referenzi fir-Regolament (UE) 2019/631 għal-leġislazzjoni qafas tal-approvazzjoni tat-tip.

---

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Qafas) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

- (25) L-isforz għat-tnaqqis tal-emissjonijiet meħtieġ biex jintlaħqu l-miri għall-flotta kollha tal-UE jitqassam fost il-manifatturi billi tintuża kurva tal-valuri ta' limitu bbażata fuq il-massa medja tal-flotta tal-UE ta' vetturi ġodda u tal-flotta ta' vetturi ġodda tal-manifattur. Filwaqt li huwa xieraq li jinżamm dak il-mekkaniżmu, jeħtieġ li tiġi evitata sitwazzjoni fejn, bil-miri aktar stretti għall-flotta kollha tal-UE, il-mira speċifika tal-emissjonijiet għal manifattur issir negattiva. Għal dik ir-raġuni, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li fejn isseħħ sitwazzjoni bħal din, il-mira speċifika tal-emissjonijiet jenħtieġ li tiġi stabbilita għal 0 g CO<sub>2</sub>/km.

- (26) Il-valuri użati għall-kalkolu tal-miri speċifiċi tal-emissjonijiet u l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> ta' manifattur huma bbażati fuq *data* rreġistrata fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u fiċ-ċertifikati tal-konformità tal-vetturi kkonċernati. Biex tiġi żgurata l-effikaċja tal-istandards ta' rendiment tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> huwa essenzjali li *d-data* użata għal dawk il-finijiet tkun korretta. Jekk, madankollu, jiġu identifikati żbalji fid-*data*, jista' ma jkunx possibbli, abbażi tal-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, li jiġu kkoreġuti d-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip jew iċ-ċertifikati tal-konformità li jkunu diġà nħarġu, meta *d-data* tirreferi għal approvazzjonijiet tat-tip li ma jkunux għadhom validi. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob li l-awtoritajiet rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip, jew fejn applikabbli, il-manifatturi, joħorġu dikjarazzjoni ta' korrezzjoni li abbażi tagħha l-valuri użati għad-determinazzjoni tal-prestazzjoni tal-manifatturi biex jilħqu l-miri tagħhom ikunu jistgħu jiġu kkoreġuti.
- (27) Ir-rapportar ta' *data* minn vetturi tal-kategoriji M<sub>2</sub> (xarabanks) u N<sub>2</sub> (trakkijiet ta' daqs medju) jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>23</sup> u għalhekk huwa xieraq li dak ir-rekwiżit ta' rapportar jitneħħa mir-Regolament (UE) 2019/631.

---

<sup>23</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1).

- (28) Fid-dawl taż-żieda fl-objettiv ġenerali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex jiġu evitati effetti potenzjali ta' distorsjoni tas-suq, ir-rekwiżiti ta' tnaqqis għall-manifatturi kollha preżenti fis-suq tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu allinjati, ħlief għal daww responsabbli għal anqas minn 1 000 vettura ġdida rreġistrati f'sena kalendarja. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-possibbiltà li l-manifatturi responsabbli għal bejn 1 000 u 10 000 karozza tal-passiġġieri jew bejn 1 000 u 22 000 vettura kummerċjali ħafifa rreġistrati ġodda f'sena kalendarja japplikaw għal deroga mill-miri speċifiċi tal-emissjonijiet tagħhom tiegħ mill-1 ta' Jannar **2036**.
- (29) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-konsistenza legali mal-prattika attwali, huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-aġġustamenti tal-valuri  $M_0$  u  $TM_0$  jenħtieġ li jsiru permezz ta' atti delegati li jemendaw l-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/631 minflok permezz ta' atti delegati li jissupplimentaw dak ir-Regolament.
- (30) Il-progress magħmul skont ir-Regolament (UE) 2019/631 lejn il-kisba tal-miri ta' tnaqqis stabbiliti għall-2030 u lil hinn jenħtieġ li jiġi rieżaminat fl-2026. Għal dak ir-rieżami, jenħtieġ li jitqiesu l-aspetti kollha fir-rapportar ta' kull sentejn.

- (31) *Diversi Stati Membri ddikjaraw pjanijiet biex jaççelleraw l-introduzzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero billi jstabilixxu data għat-tneħħija gradwali ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda li jarmu CO<sub>2</sub> qabel l-2035. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tidentifika opzjonijiet biex tiffaċilita dik it-tranżizzjoni u tqis il-ħtieġa għal miżuri addizzjonali f'konformità ma' tali pjanijiet.*
- (32) Il-possibbiltà li d-dħul mill-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi jiġi assenjat għal fond speċifiku jew għal programm rilevanti ġiet evalwata kif meħtieġ skont l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) 2019/631, bil-konklużjoni li dan iżid b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv, filwaqt li ma jkunx ta' benefiċċju dirett għas-settur awtomobilistiku fit-tranżizzjoni tiegħu. Għalhekk, id-dħul mill-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi jenħtieġ li jkompli jitqies bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2019/631.
- (33) *Huwa importanti li jiġu vvalutati l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> kollha tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' vetturi ħfief fil-livell tal-Unjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija għall-valutazzjoni u r-rappurtar konsistenti tad-data tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> kollha tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' vetturi ħfief li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.*

(34) Sabiex tistabilixxi metodoloġija komuni tal-Unjoni għall-valutazzjoni u r-rapportar konsistenti tad-*data* tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief u biex jiġi żgurat li l-kalkolu tal-miri speċifiċi tal-emissjonijiet għall-manifatturi responsabbli għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> ta' vetturi kummerċjali ħfief f'diversi stadji jkun jista' jiġi aġġustat biex jitqiesu l-bidliet fil-proċedura għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-massa ta' tali vetturi, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħteġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplementar tar-Regolament (UE) 2019/631 bl-istabiliment ta' tali metodoloġija komuni tal-Unjoni u l-emendar, fejn meħtieġ, tal-formuli tal-kalkolu stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I għal dak ir-Regolament, rispettivament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>24</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jindirizzaw it-tħejjija tal-atti delegati.

---

<sup>24</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (35) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-tisħiħ tar-rekwiżiti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> kemm għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri kif ukoll għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.
- (36) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/631 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2019/631 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), iċ-ċifra "37,5 %" hija sostitwita bi "55 %";

(ii) fil-punt (b), iċ-ċifra "31 %" hija sostitwita bi "50 %";

b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Mill-1 ta' Jannar 2035, għandhom japplikaw il-miri li ġejjin għall-flotta kollha tal-UE:

(a) għall-emissjonijiet medji tal-flotta l-ġdida tal-karozzi tal-passiġġieri, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 100 % tal-mira fl-2021 iddeterminata f'konformità mal-Parti A, il-punt 6.1.3, tal-Anness I;

(b) għall-emissjonijiet medji tal-flotta l-ġdida ta' vetturi kummerċjali ħfief, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 100 % tal-mira fl-2021 iddeterminata f'konformità mal-Parti B, il-punt 6.1.3, tal-Anness I.";

(c) il-paragrafu 6 *huwa sostitwit b'dan li ġej:*

**"6. Mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2029, għandu japplika punt ta' riferiment ta' emissjonijiet żero u baxxi tal-vetturi ugwali għal sehem ta' 25 % tal-flotta ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u ugwali għal sehem ta' 17 % tal-flotta ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-punti 6.3 tal-Partijiet A u B tal-Anness I, rispettivament.";**

(d) jitħassar il-paragrafu 7;

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), ir-referenza għal "l-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE" hija sostitwita bi "l-Artikolu 4(1), il-punt (a)(i), tar-Regolament (UE) 2018/858";

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) tal-kategorija N<sub>1</sub> kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (b)(i), tar-Regolament (UE) 2018/858 u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 ("vetturi kummerċjali ħfief"), li huma rreġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba u li ma kinux ġew irreġistrati qabel barra mill-Unjoni ("vetturi kummerċjali ħfief ġodda"); fil-każ ta' vetturi b'emissjonijiet żero tal-kategorija N b'massa ta' referenza li taqbeż l-2 610 kg jew l-2 840 kg, skont il-każ, dawn għandhom, mill-1 ta' Jannar 2025, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2018/858 u r-Regolament (KE) Nru 715/2007, jingħaddu bħala vetturi kummerċjali ħfief li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk il-massa ta' referenza eċċessiva tkun dovuta biss għall-massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija.";

(b) fil-paragrafu 3, ir-referenza għal "punt 5 tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE" hija sostitwita bi "Parti A, il-punt 5, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858";

(3) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza ta' introduzzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) 2018/858. Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin.";

(b) jitħassru l-punti (b) sa (g) u (i) u (n);

(4) fl-Artikolu 4(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), fejn il-mira speċifika tal-emissjonijiet iddeterminata f'konformità mal-punt 6.3 tal-Parti A jew B tal-Anness I." tkun negattiva, il-mira speċifika tal-emissjonijiet għandha tkun ta' 0 g/km.";

(5) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6a. Meta l-Kummissjoni ssib li d-*data* proviżorja ppreżentata mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 2, jew id-*data* nnotifikata mill-manifatturi f'konformità mal-paragrafu 5, tkun ibbażata fuq *data* mhux korretta fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip jew fiċ-ċertifikati tal-konformità, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, lill-manifattur u għandha titlob lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip jew, fejn applikabbli, lill-manifattur biex joħorġu dikjarazzjoni ta' korrezzjoni li tispeċifika d-*data* kkoreġuta. Id-dikjarazzjoni ta' korrezzjoni għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni u d-*data* kkoreġuta għandha tintuża biex jiġu emendati l-kalkoli proviżorji skont il-paragrafu 4.";

(b) jitħassru l-paragrafi 10 u 11;

(6) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

**"Artikolu 7a**

***Emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tul iċ-ċiklu tal-ħajja***

1. ***Il-Kummissjoni għandha sal-31 ta' Diċembru 2025 tippubblika rapport li jistabbilixxi metodoloġija għall-valutazzjoni u r-rappurtar konsistenti ta' data dwar l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***
2. ***Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġija komuni tal-Unjoni għall-valutazzjoni u r-rappurtar konsistenti tad-data tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief.***
3. ***Mill-1 ta' Ġunju 2026, il-manifatturi jistgħu, fuq bażi volontarja, jippreżentaw lill-Kummissjoni d-data dwar l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda bl-użu tal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 2."***

(7) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tista' tingħata deroga li tkun saret applikazzjoni għaliha skont il-paragrafu 1, mill-miri speċifiċi tal-emissjonijiet applikabbli sa u inkluż is-sena kalendarja 2035.";

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"4. Tista' ssir applikazzjoni għal deroga mill-mira tal-emissjonijiet speċifiċi kkalkulata skont il-punti 1 sa 4 u 6.3 tal-Parti A tal-Anness I għas-snin sa u inkluża s-sena kalendarja 2028 minn manifattur li jkun responsabbli, flimkien mal-imprezi kollha assoċjati tiegħu, għal bejn 10 000 u 300 000 karozza tal-passiġġieri ġdida reġistrata kull sena kalendarja fl-Unjoni.";**

(8) *fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"1. Fuq applikazzjoni ta' fornitur jew manifattur, għandu jiġi kkunsidrat l-iffrankar ta' CO<sub>2</sub> miksub bl-użu ta' teknoloġiji innovattivi jew taħlita ta' teknoloġiji innovattivi ("pakketti ta' teknoloġiji innovattivi").*

*Tali teknoloġiji għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk il-metodoloġija użata biex tivvalutahom tkun kapaċi tipproduċi riżultati verifikabbli, ripetibbli u komparabbli.*

*Il-kontribut totali ta' dawk it-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> ta' manifattur jista' jkun sa:*

- 7 g CO<sub>2</sub>/km sal-2024;*
- 6 g CO<sub>2</sub>/km mill-2025 sal-2029;*
- 4 g CO<sub>2</sub>/km mill-2030 sa u inkluż l-2034.*

*Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 sabiex temenda dan ir-Regolament billi taġġusta 'l isfel il-valuri tal-limitu msemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu b'effett mill-2025 'il quddiem biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi filwaqt li jiġi żgurat proporzjon bilanċjat tal-livell ta' dak il-limitu b'rabta mal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> tal-manifatturi.";*

(9) *fl-Artikolu 12, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"3. *Sabiex jiġi evitat li d-diskrepanza fl-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali tikber, il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2023, tivvaluta kif id-data dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija f'kundizzjonijiet reali miġbura skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/392 \* tista' tintuża biex jiġi żgurat li l-valuri tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija tal-vetturi ddeterminati skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jibqgħu rappreżentattivi tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet reali maż-żmien għal kull manifattur.*

*Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tirrapporta kull sena dwar kif tevolvi d-diskrepanza msemmija fl-ewwel subparagrafu mill-2021 'il quddiem u għandha, hekk kif tkun disponibbli biżżejjed data, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, tippubblika rapport li jstabbilixxi metodoloġija għal mekkaniżmu biex jiġu aġġustati l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> tal-manifattur mill-2030 bl-użu ta' data f'kundizzjonijiet reali miġbura skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/392, u li jivvaluta l-fattibbiltà ta' tali mekkaniżmu.*

*Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, inkluż, fejn xieraq, proposti għal miżuri ta' segwitu, bħal proposti leġiżlattivi biex jitqiegħed fis-seħħ tali mekkaniżmu.*

---

\* *Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/392 tal-4 ta' Marzu 2021 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data relatata mal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħief skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2010, (UE) Nru 293/2012, (UE) 2017/1152 u (UE) 2017/1153 (ĠU L 77, 5.3.2021, p. 8).";*

(10) fl-Artikolu 13(3), tizzied is-sentenza li ġejja:

"Meta d-*data* fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip ma tkunx tista' tiġi kkoreġuta skont ir-Regolament (UE) 2018/858, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip responsabbli għandha toħroġ dikjarazzjoni ta' korrezzjoni bid-*data* kkoreġuta u tibgħat dik id-dikjarazzjoni lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati.";

(11) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 sabiex temenda l-Anness I kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.";

(12) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 14a

Rapport tal-progress

1. Sal-31 ta' Diċembru 2025, u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress lejn mobbiltà fit-toroq b'emissjonijiet żero. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jimmonitorja u jivvaluta l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali possibbli biex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni *ġusta*, inkluż permezz ta' mezzi finanzjarji.

2. Fir-rapport, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-fatturi kollha li jikkontribwixxu għal progress kosteffiċjenti lejn in-newtralità klimatika sal-2050, inkluż:
- (a) *il-progress fl-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi, b'mod partikolari fis-segment tal-vetturi kummerċjali ħfief, kif ukoll il-miżuri fil-livell tal-Unjoni, dak tal-Istati Membri u dak lokali biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn vetturi ħfief b'emissjonijiet żero;*
  - (b) *il-progress fl-effiċjenza enerġetika u l-affordabbiltà ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi;*
  - (c) *l-impatti fuq il-konsumaturi, b'mod partikolari fuq l-unitajiet domestiċi b'introjt baxx u medju, inkluż fuq il-prezzijiet tal-elettriku;*
  - (d) *analiżi tas-suq għall-vetturi użati;*
  - (e) *il-kontribut potenzjali f'termini ta' ffrankar ta' CO<sub>2</sub> ta' miżuri addizzjonali mmirati biex inaqqsu l-età medja u b'hekk l-emissjonijiet tal-flotta ta' vetturi ħfief, bħal miżuri li jappoġġaw it-tneħħija gradwali ta' vetturi eqdem b'mod soċjalment ġust u ambjentalment san;*

- (f) *l-impatti fuq l-impjiegi fis-settur awtomobilistiku, speċjalment fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u l-effettività tal-miżuri li jappoġġaw it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol;*
- (g) *l-effettività tal-miżuri finanzjarji eżistenti u l-ħtieġa għal aktar azzjoni, inkluż miżuri finanzjarji adegwati, fil-livell tal-Unjoni, tal-Istati Membri jew dak lokali biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u biex jittaffa kwalunkwe impatt soċjoekonomiku negattiv, b'mod partikolari fir-reġjuni u fil-komunitajiet l-aktar affettwati;*
- (h) *il-progress fid-djalogu soċjali, kif ukoll aspetti biex tiġi ffaċilitata aktar tranżizzjoni ekonomikament vijabbli u soċjalment ġusta lejn mobbiltà fit-toroq b'emissjonijiet żero;*
- (i) *il-progress fl-implimentazzjoni tal-infrastruttura **pubblika u privata** tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil, **inkluż il-progress** skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi **u riformulazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;*

- (j) il-kontribut potenzjali tat-teknoloġiji tal-innovazzjoni u l-fjuwils alternattivi sostenibbli, *inkluż il-fjuwils sintetiċi*, biex tintlaħaq il-mobbiltà b'newtralità klimatika;
  - (k) *l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda mqiegħda fis-suq, kif irrapportati skont l-Artikolu 7a;*
  - (l) *l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-kisba tal-miri tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/842 u riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*.*
3. *Fid-data tal-preżentazzjoni tal-ewwel rapport ta' progress imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha wkoll, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jinkludi analiżi biex tidentifika kwalunkwe diskrepanza fil-finanzjament fl-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta fil-katina tal-provvista tas-settur awtomobilistiku, b'attenzjoni partikolari għall-SMEs u r-reġjuni li huma l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposti għal miżuri finanzjarji adegwati biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati.*

---

\* *Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).*

\*\* *Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).* ";

(13) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fl-2026, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-effettività u l-impatt ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tibni fuq ir-rapportar **ta' kull sentejn**, u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultat tar-rieżami. **Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tivvaluta l-progress li jkun sar skont dan ir-Regolament lejn il-kisba tal-miri ta' tnaqqis stipulati fl-Artikolu 1(5a), b'kont meħud tal-iżviluppi teknoloġiċi, inkluż fir-rigward ta' teknoloġiji ibridi plug-in, u l-importanza ta' tranżizzjoni ekonomikament vijabbli u soċjalment ġusta għal mobilità b'emissjonijiet żero. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li tirrevedi l-miri stipulati fl-Artikolu 1(5a). Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatti tal-istabbiliment ta' limiti minimi tal-effiċjenza enerġetika għal karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda b'emissjonijiet żero mqiegħda fis-suq tal-Unjoni.**

Ir-rapport għandu, fejn xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament.";

(b) jitħassru l-paragrafi 2 sa 5;

*(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"6. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tad-Direttiva 1999/94/KE u fiha tikkunsidra l-ħtieġa li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni preċiża, robusta u komparabbli dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa minn karozzi ġodda tal-passiġġieri introdotti fis-suq, inkluż f'kundizzjonijiet reali, kif ukoll tevalwa l-opzjonijiet għall-introduzzjoni ta' tikketta tal-ekonomija fil-fjuwil u l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda. Ir-rieżami għandu, fejn xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.";*

*(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:*

*"9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 sabiex temenda l-formuli stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I, meta tali emendi jkunu meħtieġa sabiex titqies il-proċedura għal vetturi N<sub>1</sub> b'diversi stadji stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III.";*

(14) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 2, ir-referenza għall-"Artikolu 7(8), l-Artikolu 10(8), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1), l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(8)" hija sostitwita bl-"Artikolu 7(8), l-Artikolu 7a(2), l-Artikolu 10(8), l-Artikolu 11(1), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(8) u (9)";
- (b) fil-paragrafu 3, ir-referenza għall-"Artikolu 7(8), l-Artikolu 10(8), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1), l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(8)" hija sostitwita bl-"Artikolu 7(8), l-Artikolu 7a(2), l-Artikolu 10(8), l-Artikolu 11(1), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(8) u (9)";
- (c) fil-paragrafu 6, ir-referenza għall-"Artikolu 7(8), l-Artikolu 10(8), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1), l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(8)" hija sostitwita bl-"Artikolu 7(8), l-Artikolu 7a(2), l-Artikolu 10(8), l-Artikolu 11(1), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(8) u (9)";

(15) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

---

## ANNEX

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/631 huwa emendat kif ġej:

(1) il-Parti A hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 6.1, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"Miri għall-flotta kollha tal-UE mill-2025 'il quddiem";

(b) fil-punt 6.1.2, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"Mira għall-flotta kollha tal-UE għall-perjodu mill-2030 sal-2034";

(c) jiżdied il-punt li ġej:

"6.1.3 Miri għall-flotta kollha tal-UE mill-2035 'il quddiem

Mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2035</sub> = mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2021</sub> · (1 –  
fattur ta' tnaqqis<sub>2035</sub>)

fejn:

il-mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2021</sub> hija kif definita fil-punt 6.0;

fattur ta' tnaqqis<sub>2035</sub> huwa kif definit fl-Artikolu 1(5a), il-punt (a).";

(d) fil-punt 6.2, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"Miri ta' referenza tal-emissjonijiet speċifiċi";

(e) il-punt 6.2.2 jitħassar;

(f) il-punt 6.3. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6.3 Miri għall-emissjonijiet speċifiċi għall-2025 'il quddiem

6.3.1 Miri għall-emissjonijiet speċifiċi għall-perjodu mill-2025 sal-2029:

Mira għall-emissjonijiet speċifiċi = mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi · fattur ZLEV

fejn:

il-mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi hija l-mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> determinata f'konformità mal-punt 6.2.1;

il-fattur ZLEV huwa  $(1 + y - x)$ , sakemm dan l-ammont ma jkunx akbar minn 1,05 jew inqas minn 1,0, f'liema każ il-fattur ZLEV għandu jkun stabbilit għal 1,05 jew 1,0, kif meħtieġ;

fejn:

y huwa s-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta tal-manifattur ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri, ikkalkulat bħala l-għadd totali ta' vetturi ġodda b'emissjonijiet żero jew baxxi, fejn kull waħda minnhom tingħadd bħala  $ZLEV_{\text{speċifiku}}$  skont il-formula li ġejja, diviż bl-għadd totali ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fis-sena kalendarja rilevanti:

$$ZLEV_{\text{speċifiku}} = 1 - \left( \frac{\text{emissjonijiet speċifiċi ta' CO}_2 \cdot 0,7}{50} \right)$$

Għal karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-Istati Membri b'sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta tagħhom taħt is-60 % tal-medja tal-Unjoni fis-sena 2017 u b'inqas minn 1 000 vettura ġdida b'emissjonijiet żero jew baxxi rreġistrati fl-2017\*, iż- $ZLEV_{\text{speċifiċi}}$  għandhom jiġu kkalkulati, sal-2029 u inkluża dik is-sena, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$ZLEV_{\text{speċifiku}} = \left( 1 - \left( \frac{\text{specific emissions of CO}_2 \cdot 0,7}{50} \right) \right) \cdot 1,85$$

Meta s-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta ta' Stat Membru ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati f'sena bejn l-2025 u l-2028 jaqbeż il-5 %, dak l-Istat Membru ma għandux ikun eliġibbli għall-applikazzjoni tal-multiplikatur ta' 1,85 fis-snin ta' wara;

x huwa 25 % fil-perjodu mill-2025 sal-2029.

### 6.3.2 Miri għall-emissjonijiet speċifiċi għall-perjodu mill-2030 sal-2034

Mira għall-emissjonijiet speċifika = mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2030</sub> + a<sub>2030</sub> · (TM-TM<sub>0</sub>)

fejn:

il-mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2030</sub> hija kif determinata f'konformità mal-punt 6.1.2;

a<sub>2030</sub> hija  $\frac{a_{2021} \cdot \text{mira għall-flotta kollha tal-UE} - 2030}{\text{Emissjonijiet medji}_{2021}}$

fejn:

a<sub>2021</sub> hija kif definit fil-punt 6.2.1

emissjonijiet medji 2021 hija kif definit fil-punt 6.2.1

TM hija kif definit fil-punt 6.2.1

TM<sub>0</sub> hija kif definit fil-punt 6.2.1

### 6.3.3 Miri għall-emissjonijiet speċifiċi għall-2035 'il quddiem

Mira għall-emissjonijiet speċifika = mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2035</sub> + a<sub>2035</sub> · (TM-TM<sub>0</sub>)

fejn:

Il-mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2035</sub> hija kif determinata f'konformità mal-punt 6.1.3;

a<sub>2035</sub> hija  $\frac{a_{2021} \cdot \text{mira għall-flotta kollha tal-UE} - 2035}{\text{Emissjonijiet medji}_{2021}}$

fejn, a<sub>2021</sub> hija kif definit fil-punt 6.2.1

emissjonijiet medji<sub>2021</sub> hija kif definit fil-punt 6.2.1

TM hija kif definit fil-punt 6.2.1

TM<sub>0</sub> hija kif definit fil-punt 6.2.1

- 
- \* Is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi fil-flotta ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri ta' Stat Membru fl-2017 huwa kkalkulat bħala l-għadd totali ta' vetturi ġodda b'emissjonijiet żero jew baxxi rreġistrati fl-2017 diviż bl-għadd totali ta' karożżi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-istess sena.";

(2) il-Parti B hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 6.1, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-miri għall-flotta kollha tal-UE mill-2025 'il quddiem";

(b) fil-punt 6.1.2, l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-miri għall-flotta kollha tal-UE għall-perjodu mill-2030 sal-2034";

(c) jiżdied il-punt li ġej:

"6.1.3 Il-miri għall-flotta kollha tal-UE mill-2035 'il quddiem

Mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2035</sub> = mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2021</sub>(1 – fattur ta' tnaqqis<sub>2035</sub>)

fejn:

Il-mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2021</sub> hija kif definita fil-punt 6.0;

fattur ta' tnaqqis<sub>2035</sub> huwa kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 1(5a).";

(d) il-punt 6.2.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6.2.2 Il-miri ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi għall-perjodu mill-2030 sal-2034

Mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi = il-mira tal-flotta kollha tal- $UE_{2030} + \alpha \cdot (TM - TM_0)$

fejn:

il-mira għall-flotta kollha tal- $UE_{2030}$  hija kif stabbilita skont il-punt **6.1.2**;

$\alpha$  hija  $a_{2030,L}$  fejn il-massa medja tat-test tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' manifattur hija ugwali jew aktar baxxa minn  $TM_0$ , u  $a_{2021}$  fejn il-massa medja tat-test tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' manifattur tkun ogħla minn  $TM_0$ ;

fejn:

$a_{2030}$  hija  $\frac{a_{2021} \cdot \text{mira għall-flotta kollha tal-} UE_{2030}}{\text{Emissjonijiet medji}_{2021}}$

■

$a_{2021}$  ***hija kif definit fil-punt 6.2.1***

l-emissjonijiet medji<sub>2021</sub> huma kif definit fil-punt 6.2.1

TM ***hija kif definit fil-punt 6.2.1***

TM<sub>0</sub> ***hija kif definit fil-punt 6.2.1"***;

(e) jżdzied il-punt li ġej:

"6.2.3 Miri ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi għall-2035 'il quddiem

Mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi = il-mira tal-flotta kollha tal- $UE_{2035} + \alpha \cdot (TM - TM_0)$

fejn:

il-mira għall-flotta kollha tal- $UE_{2035}$  hija kif stabbilita skont il-punt 6.1.3;

$\alpha$  hija  $a_{2035,L}$  fejn il-massa medja tat-test tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' manifattur tkun ugwali jew aktar baxxa minn  $TM_0$ , u  $a_{2035,H}$  fejn il-massa medja tat-test tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' manifattur tkun oġġla minn  $TM_0$ ;

fejn:

$a_{2035,L}$  hija  $\frac{a_{2021} \cdot \text{mira għall-flotta kollha tal-UE} - 2035}{\text{Emissjonijiet medji}_{2021}}$

$a_{2035,H}$  hija  $\frac{a_{2021} \cdot \text{mira għall-flotta kollha tal-UE} - 2035}{\text{mira għall-flotta kollha tal-UE} - 2025}$

$\text{emissjonijiet medji}_{2021}$  hija kif definit fil-punt 6.2.1

$TM$  hija kif definit fil-punt 6.2.1

$TM_0$  hija kif definit fil-punt 6.2.1";

(f) *il-punt 6.3. huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"6.3. Miri għall-emissjonijiet speċifiċi mill-2025 'il quddiem*

*6.3.1 Miri għall-emissjonijiet speċifiċi mill-2025 sal-2029*

*Mira għall-emissjonijiet speċifiċi = (mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi – ( $\theta_{miri}$  – il-mira tal-flotta kollha tal-UE<sub>2025</sub>)) fattur ZLEV*

*fejn:*

*il-mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi hija l-mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi ta' CO<sub>2</sub> determinata f'konformità mal-punt 6.2.1;*

*$\theta_{miri}$  hija l-medja, ponderata abbażi tal-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal kull manifattur individwali, tal-miri ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi kollha determinati f'konformità mal-punt 6.2.1;*

*fattur ZLEV huwa  $(1 + y - x)$ , sakemm dan l-ammont ma jkunx akbar minn 1,05 jew inqas minn 1,0, f'liema każ il-fattur ZLEV għandu jkun stabbilit għal 1,05 jew 1,0, kif meħtieġ;*

*fejn:*

*y huwa s-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi fil-flotta tal-manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief ikkalkulat bħala l-għadd totali ta' vetturi ġodda b'emissjonijiet żero jew baxxi, fejn kull waħda minnhom tingħadd bħala  $ZLEV_{speċifiku}$  skont il-formula li ġejja, diviż bl-għadd totali ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fis-sena kalendarja rilevanti:*

$$ZLEV_{speċifiku} = 1 - \left( \frac{\text{emissjonijiet speċifiċi ta' CO2}}{50} \right)$$

*x huwa 17 % fis-snin mill-2025 sal-2029.*

### 6.3.2 Miri għall-emissjonijiet speċifiċi mill-2030 sal-2034

Mira għall-emissjonijiet speċifiċi = mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi – ( $\emptyset_{\text{miri}}$  - il-mira tal-flotta kollha tal-UE<sub>2030</sub>)

fejn:

il-mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi hija l-mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi għall-manifattur, determinata f'konformità mal-punt 6.2.2;

$\emptyset_{\text{miri}}$  hija l-medja, ponderata abbażi tal-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal kull manifattur individwali, tal-miri ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi kollha determinati f'konformità mal-punt 6.2.2;

Il-mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2030</sub> hi kif determinata fil-punt 6.1.2.

“6.3.3 Miri għall-emissjonijiet speċifiċi għall-2035 'il quddiem

Mira għall-emissjonijiet speċifiċi = mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi – ( $\emptyset_{\text{miri}}$  - il-mira tal-flotta kollha tal-UE<sub>2035</sub>)

fejn:

il-mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi hija l-mira ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi għall-manifattur determinata f'konformità mal-punt 6.2.3;

$\emptyset_{\text{miri}}$  hija l-medja, ponderata abbażi tal-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal kull manifattur individwali, tal-miri ta' referenza għall-emissjonijiet speċifiċi kollha, determinata f'konformità mal-punt 6.2.3;

Il-mira għall-flotta kollha tal-UE<sub>2035</sub> hija kif determinata fil-punt 6.1.3.".

---